# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Marzu 2001**

**Citazzjoni numru 586/96 GC**

**Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Professur Roger Ellul Micallef abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Professur Roger Ellul Micallef u b'nota tal-4 ta' Mejju, 2000 l-isem tas-socjeta attrici inbidel ghall-Middle Sea Insurance p.l.c.**

**vs**

**Mark Mifsud**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi waqt li l-assigurat tas-socjeta attrici kien qieghed isuq il-vettura tieghu Mitsubishi Lancer bin-numru V-5048 bi speed baxx hafna, fi Triq l-Gharix, Attard, lejn id-direzzjoni ta' Misrah Kola fid-l9 ta' April, l995, fis-6.l0pm huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-mutur Motoguzzi bin-numru P-5849 misjuq mill-konvenut, illi kien gej minn naha opposta b'velocita' qawwija u b'risultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni, ammontanti ghal-Lml,l83.32 kwantu ghall-spejjes fil-vettura, Lm3.45 kwantu ghall-RAR, Lm7.60 kwantu ghas-survey report u Lm25 kwantu ghall-excess, b'kolox ghalhekk fis-somma ta' Lml,219.37;

2. Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuraggni, imperizja, negligenza, non-curanza u naqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

3. Illi is-socjeta attrici abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni li ghandha mal-assigurat taghha ikkompensatu tal-hsarat li dan sofra fl-istess vettura u ghalhekk hija surrogata fid-drittijiet tighu abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi;

4. Illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lis-socjeta attrici dan m'ghamel assolutament xejn u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita ghall-istess;

5. Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

a. tiddikkjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba neagligenza, imprudenza, traskuraggini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;

b. tillikwida id-danni totali fis-somma ta' Lm1,2l9.37 (elf mitejn u dsatax-il lira maltin u seba' u tletin centezmu) kwanut ghall-Lml,l83.32 danni fil-vettura, kwantu ghall-Lm7.60 ghas-survey report u kwantu ghall-Lm3.45 ghar-Road Accident Report sofferti mis-socjeta attrici,u kwantu ghall-Lm25 bhala 'excess' sofferti mill-attur l-iehor, jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u

c. tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lis-socjeta attrici u lill-attur l-iehor is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u cioe mis-7 ta' Novembru, l995 u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment mal-presenti kontra is-socjeta assiguratrici tal-konvenut u dawk tal-ittra legali tas-6 ta' Novembru, l995 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident tad-l9 ta' April, l995 meritu ta' din il-kawza gara unikament b'tort u htija tal-Professur Roger Ellul Micallef;

2. Illi fi kwalunkwe kaz dawn il-proceduri qed isiru inutilment b'riskju ta' ezitu konflingenti billi fid-29 ta' Dicembru, l995 kienet giet intavolata citazzjoni fuq l-istess meritu fl-ismijiet "Mark Mifsud vs Professur Roger Ellul Micallef" (Citazzjoni nru. 2264/95GC), u ghalhekk l-eccipjent odjern m'ghandux ibati spejjes inutili f'kaz ta' ezitu sfavorevoli ghalih;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat li jirrizulta milll-atti li din il-kawza tmexxiet mal-kawza citazzjoni numru 2264/95;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-provi kollhamigbura fl-imsemmija kawza citazzjoni numru 2264/95 ghandhom japplikaw ghal din il-kawzau ghandhom jitqiesu bhala li nstemghu viva voce f'din il-kawza;

Rat l-atti tal-imsemmija kawza citazzjoni numru 2264/95 fl-ismijiet Mark Mifsud vs Professur Roger Ellul Micallef u s-sentenza relattiva tat-2 ta' Frar 2001;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti;

Ikkonsidrat :

Fl-imsemmija sentenza tat-2 ta' Frar 2001 fil-kawza citazzjoni numru 2264/95 fl-ismijiet "Mark Mifsud vs Professur Roger Ellul Micallef" gie deciz li l-konvenut odjern kellu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni u li ma kien jirrizulta xejn li seta' jitfa r-responsabilita' jew parti minnha fuq l-attur odjern il-Professur Roger Ellul Micallef. Il-qorti tghamel referenza ghal kostatazzjonijiet kollha li saru fl-imsemmija sentenza tat-2 ta' Frar 2001 u dawn kollha ghandhom japplikaw ghal din is-sentenza;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li d-danni kollha sofferti mill-attur Professur Roger Ellul Micallef fil-vettura tieghu li kien qed isuq f'dan l-incident jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf mitejn u dsatax il-lira u seba u tletin centezmu (Lml,219.37). Jirrizulta li s-socjeta attrici, bhala s-socjeta assikuratrici halset lill-attur Professur Roger Ellul Micallef is-somma ta' Lm1194.37 in risarciment tal-istess danni minnu sofferti, filwaqt li l-istess attur Ellul Micallef kellu johrog l-ewwel Lm25 bhala excess;

In vista ta' dan kollu l-konvenut odjern ghandu jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma komplessiva in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza. Il-konvenut ghandu ukoll jigi kundannat ihallas l-ispejjes ta' din il-kawza stante li ma hemm xejn irregolari fil-fatt li meta saret din il-kawza kien hemm kawza ohra pendenti (citazzjoni numru 2264/95). Difatti wara li giet deciza l-imsemmija kawza l-ohra, kellha ssir il-likwidazzjoni tad-danni;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha solevati mill-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikkjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut; tillikwida id-danni totali fis-somma ta' elf mitejn u dsatax-il lira maltin u seba' u tletin centezmu (Lm1,2l9.37) kwantu ghal Lm1194.37 pagabbli lis-socjeta attrici u kwantu ghal Lm25 pagabbli lill-attur Professur Roger Ellul Micallef u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici li-imsemmija somma ta' Lm1194.37 u lill-attur l-iehor is-somma ta' Lm25 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.